MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 255/1999/1

**Avviz numru 255/99DM**

**Montaldo Insurance Services Ltd bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta estera American Home Assurance Co.**

**Vs**

**Carmen Hatterly u Vincent Sammut**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu jew min minnhom is-somma ta' disa' mija u hames liri u wiehed u disghin centezmu (Lm905.91) rapprezentanti danni kif ukoll l-ispejjez legali u gudizzjarji li kienu gew inkorsi u thallsu intortament mill-atturi in konnessjoni ma' l-incident stradali li sehh fil-15 ta' Jannar 1998, u dana peress illi l-konvenut Vincent Sammut li fil-hin ta' l-incident kien qed isuq il-vettura

numru ta’ registrazzjoni CBD 434, li kienet assigurata f’isem il-konvenuta Carmen Hatterly, kien taht l-eta’ ghall-iskopijiet tal-polza ta’ assigurazzjoni.

Bl-interessi u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ Gunju 1998 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet illi:

1 Preliminarjament, in kwantu t-talba tas-socjeta attrici hija talba ghad-danni, liema danni, skond is-socjeta attrici, jikkonsistu fl-ispejjez legali u gudizzjarji minnha inkorsi, it-talba attrici hija perenta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2 Bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici in kwantu diretti fil-konfront taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-incident stradali ‘de quo’ ma sehhx la tort tal-eccipjenti u lanqas tal-persuna illi kien fil-vettura taghha fil-mument tal-incident, u cioe’ Vincent Sammut, izda unikament tort tat-terz illi baqa’ diehel gol-vettura tal-eccipjenti illi f’dak il-mument kienet statika;
3 It-talbiet attrici in kwantu diretti fil-konfront taghha huma nfondati u ghandhom jigu michuda stante li l-eccipjenti qatt m’awtorizzat lill-konvenut l-iehor Vincent Sammut biex isuq il-vettura taghha;
4 Is-socjeta attrici qatt ma gabet ebda prova tal-allegati spejjez legali u gudizzjarji minnha inkorsi;
5 L-eccipjenti qatt ma giet interpellata ghall-hlas la mit-terz involut fl-incident stradali ‘de quo’ u lanqas mis- socjeta attrici u lanqas qatt ma giet interpellata jew mitluba mis-socjeta’ attrici biex tixhed f’xi proceduri gudizzjarji u tispjega kif sehh l-incident minn fejn kien jirrizulta illi t-tort ghall-incident huwa unikament tal-imsemmi terz, u ghaldaqstant certament illi m’ghandhiex tkun l-eccipjenti illi taghmel tajjeb ghal kwalsijasi nuqqasijiet da parti tas-socjeta’ attrici.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Gunju, 2001, fejn il-konvenut Vincent Sammut ikkontesta t-talba tal-atturi;

Seghmet il-provi;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti li tirrigwarda l-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 jirrizulta illi l-incident stradali in kwistjoni sehh fil-15 ta' Jannar, 1989, waqt illi l-avviz odjern gie pprezentat fis-16 ta' Frar, 1999, u ghalhekk entro l-perjodu preskrittiv u rrispettivament mid-data ta' meta gew innotifikati l-konvenuti b'dan l-avviz l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tirrizultax u tigi michuda.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjonijiet l-ohra li huma wkoll eccezzjonijiet fil-mertu jispetta lill-atturi illi jippruvaw dak illi huma qeghdin jallegaw u li effettivament ghar-rigward ta' l-incident in kwistjoni kienet inghatat sentenza definittiva mill-Qorti fejn il-konvenut Vincent Sammut kien instab responsabbli ghall-istess kollizjoni u ghad-danni rizultanti, u li l-atturi bhala assikuraturi tal-vettura a bazi tal-polza ta' l-assikurazzjoni kellhom jaghmlu tajjeb ghal dawn id-danni minnhom sborzati.

L-istess atturi jridu jippruvaw ukoll illi a bazi tal-polza huma ghandhom id-dritt illi jirkupraw l-ammont minnhom imhallas minghand l-assikurata taghhom il-konvenuta Carmen Hatterly.

In oltre fir-rigward ta' Carmen Hatterly l-atturi jridu jippruvaw illi l-konvenuta kienet effettivament assikurata maghhom u illi l-polza ta' l-assikurazzjoni taghha kienet tinkludi kundizzjoni illi ma setghetx tghaddi l-vettura taghha ghas-sewqan lil xi sewwieq illi kien taht il-hamsa u ghoxrin (25) sena kif qieghed jippretendi r-rapprezentant ta' l-atturi Edward Pace Balzan fid-deposizzjoni tieghu tal-5 ta' Marzu, 2003.

Kif ukoll, billi l-istess konvenuta Carmen Hatterly, kif jirrizulta mill-provi fqar li gew prodotti mill-atturi, ma kienitx giet citata f’xi kawza li setghet saret fil-konfront tal-konvenut l-iehor u tal-kumpanija attrici, biex il-konvenuta tista’, tigi ritenuta responsabbli ghal xi hsarat ikkawzati minn terzi bil-vettura taghha u li ghalihom ghamlet tajjeb kumpanija assikuratrici, l-atturi jridu wkoll jippruvaw illi ghall-uzu tal-vettura taghha minn terza persuna hija responsabbli wkoll il-konvenuta Carmen Hatterly.

F’dan ir-rigward pero’, l-atturi la prezentaw il-polza ta’ assikurazzjoni, li a bazi taghha huma qeghdin jippretendu r-rifuzjoni ta’ xi flus minnhom imhallsin lil xi terza persuna, u lanqas ma gabu ebda provi li jistghu jindikaw illi l-assikurata taghhom Carmen Hatterly kienet xjentement fdat il-vettura taghha lil xi persuna ohra kontra d-disposizzjonijiet u kundizzjonijiet tal-polza ta’ assikurazzjoni; iktar u iktar meta bid-deposizzjoni taghha l-istess Carmen Hatterley tichad kull responsabbilita’ taghha u tiddikjara illi qatt ma kienet giet innotifikata b’xi proceduri legali li kienu jirrigwardaw il-kollizjoni li kienet tinvolvi l-vettura taghha u li, a bazi taghhom, hija setghet tigi tenuta responsabbli li taghmel xi rifuzjoni ta’ xi flus lill-kumpanija attrici.

Ghaldaqstant fil-konfront ta’ Carmen Hatterley il-Qorti tiddikjara illi t-talba attrici ma tirrizultax ipprovata u konsegwentement tichad it-talba attrici fil-konfront taghha.

Ghar-rigward tal-konvenut l-iehor Vincent Sammut li jammetti illi huwa kien sewwieq tal-vettura ta’ Carmen Hatterley illi kienet giet involuta fil-kollizjoni fil-15 ta’ Jannar, 1998, ghalkemm ma pprezentax nota ta’ l-eccezzjonijiet formali, l-kontestazzjoni tieghu timplika illi huma mhuwiex qieghed jaccetta illi effettivament huwa kien gie ritenut responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni b’xi sentenza ta’ xi Qorti u li ma ghandu ebda relazzjoni guridika mall-atturi odjerni.

Ghaldaqstant anke fil-konfront ta’ Vincent Sammut il-kumpanija attrici kienet obbligata, mhux biss illi tipprezenta l-polza t’assikurazzjoni u s-sentenza

allegatament moghtija fil-konfront ta’ Vincent Sammut sabiex tipprova xi ness guridiku bejn xi hlas li ghamlet u l-konvenut Vincent Sammut, imma kienet obbligata ukoll illi tipprova sodisfacentement illi effettivament ghamlet il-hlas li qed tippretendi li ghamlet fis-somma ta’ disa’ mija u hames liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm905.91) mitluba fl-avviz.

Izda f’dan ir-rigward ma pprezentat ebda dokument lanqas ricevuta ufficjali ta’ xi flus li setghet hallset.

Ghaldaqstant issib illi t-talba attrici fil-konfront taz-zewg konvenuti ma gietx sodisfacentement pruvata u qeghda tichad din it-talba.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------